**24 ta' Frar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Dotto Remigio Zammit Pace *noe*

*versus*

George Despott

**Inċident Awtomobilistiku - *U-Turn* - Veloċità Eċċessiva - Skidd**

*Ma jistgħux jiġu dettati regoli fissi għal meta l-*U-Turn *hi konsiljabbli jew le. Wieħed irid jikkunsidra l-angolu u t-tul possibbli ta' viżwalità għad-*driver *li jkun ser jagħmel din il-manuvra.*

*Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'veloċità eċċedenti l-i*speed *massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawża determinanti tal-kolliżjoni, m'għandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjetà sakemm l-i*speed *tiegħu ma jkunx sfrenat.*

*Biex id-difiża ta' skidd tirnexxi jeħtieġ li s-sewwieq jipprova mhux biss li l-iskidd kien dovut għall-art tiżloq, imma ukoll li l-iskidd sar bl-ebda tort tiegħu.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi ppremettew illi fl-1 ta' Diċembru, 1991, għal xi s-1.30 p.m. waqt li Mark Vassallo kien isuq karozza, Peugeot numru L-2390 ġo Triq ir-Rabat, Marsalforn, Għawdex, din sfat involuta f'inċident awtomobilistiku mal-karozza Citroen numru T-7039 misjuqa mill-konvenut (Dok. 1);

Premess illi l-vettura numru L-2390 kienet assikurata ma' l-attur Dottor Remigio Zammit Pace *nomine* taħt polza *comprehensive* u l-attur Dr. Stephen Vassallo bħala assikurat għamel *claim* lis-soċjetà assikuratriċi in konnessjoni ma' l-inċident *de quo*;

Premess illi d-danni ta' l-attur kienu jammontaw għal total ta' sitt mija, wieħed u sittin lira, ħmistax-il ċenteżmu (Lm661.15) dovuti in kwantu għal sitt mija, sitta u tletin lira, ħmistax-il ċenteżmu (Lm636.15) lill-attur Dottor Remigio Zammit Pace *nomine* bħala risarċiment ta' l-ammont li dan sborża a favur ta' l-assikurat tiegħu biex iħallsu l-ispejjeż tat-tiswija tal-vettura numru L-2390 u spejjeż oħra konnessi u riżultanti mill-inċident għal liema ammont l-istess attur *nomine* ġie ssurrogat fid-drittijiet ta' l-assikurat tiegħu taħt il-polża *comprehensive*, u in kwantu għal ħamsa u għoxrin lira (Lm25), lill-attur Dr. Stephen Vassallo bħala danni minnu subiti u mhux koperti bil-polza *comprehensive* (Dok. 2 sa 7);

Premess illi għal dan l-inċidnet u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament il-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;

Premess illi l-konvenut interpellat jersaq għar-riżarċiment tad-danni attriċi, baqa' inadempjenti;

L-atturi talbu illi dina l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ta' l-inċident fuq riferit u għad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess ġarrbu l-atturi;

Tillikwida d-danni ta' l-atturi fis-somma ta' sitt mija wieħed u sittin lira, ħmistax-il ċenteżmu (Lm661.15) jew somma verjuri, occorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur Dottor Remigio Zammit Pace *nomine* s-somma ta' sitt mija u tletin lira, ħmistax-il ċenteżmu (Lm636.15) bħala risarċiment ta' l-ammont li dan sborża a favur ta' l-assikurat tiegħu biex tħallsu l-ispejjeż

tat-tiswija tal-vettura numru L-2390 u spejjeż oħra konnessi u riżultanti mill-inċident għal-liema ammont l-istess attur *nomine* ġie surrogat fid-drittijiet ta' l-assikurat tiegħu taħt il-polza *comprehensive* u lill-attur Dr. Stephen Vassallo s-somma ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) bħala danni minnu subiti u mhux koperti bil-polza *comprehensive* jew ammonti verjuri;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ddatata 4 ta' Novembru, 1992, u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur Dottor Remigio Zammit Pace a fol. 3 tal-proċess;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa:

Illi l-ewwel talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li għall-inċident *de quo* kien unikament responsabbli l-istess assigurat tas-soċjetà assikuratriċi attriċi stante negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi jsegwi illi t-tieni talba attriċi hija ukoll limitatament infondata stante li ma hemmx danni x'jiġu likwidati li għalihom għandu jagħmel fronti l-istess eċċipjent u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Illi jsegwi illi t-tielet talba hija ukoll limitatament infondata stante li ma hemmx danni li għalihom l-eċċipjent għandu jiġu kkundannat li jħallas u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet tat-13 ta' Mejju, 1994 li bih il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-isem ta' l-assikurat ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-avukati difensuri;

Skond l-okkorrenza Vassallo qal li kien nieżel lejn Marsalforn b'veloċità ta' xi 25 mfs mhux iktar. Despott kien qed jagħmel *U-Turn* biex jinżel lejn Marsalforn. Hu għafas il-*brake*, l-art kienet imxarrba, skidja u baqa' dieħel fih;

Despott qal li kien tiela lejn ir-Rabat, waqaf ma' ġenb it-triq, ħares il-fuq u l-isfel, u peress li ma kien ġej ħadd, beda jdur. Meta kien kważi dar, ġiet il-karozza l-oħra mid-direzzjoni tar-Rabat, b'veloċità qawwija ħafna u baqgħet dieħla ġo fih u dawritlu l-karozza tiegħu;

Il-karozza misjuqa minn Vassallo ħalliet 19.6 metri ta' brejkijiet mhux suwed. Dak il-ħin l-art kienet imxarrba;

PS 346 John Saliba kkonferma dak li niżżel fl-okkorrenza;

Mark Vassallo xehed li xi 30/40 metru quddiemu nduna bil-karozza l-oħra li kienet *perpendicular* għalih u bir-roti ta' wara fuq is-*centre lines*. Il-karozza kienet wieqfa, żamm il-*brake*, u skiddja u daħal fuq ix-xellug tal-karozza l-oħra, fuq quddiem, in-naħa tal-bieb u tat-*tyre*. Bid-daqqa l-ieħor dar ftit u baqa' nieżel fid-direzzjoni tiegħu;

It-triq ma kinitx wiesa' biżżejjed biex il-konvenut jagħmel *U-Turn*. It-triq kienet xi 10 metri wiesa' u fuq ix-xellug kien hemm karozzi pparkjati. Il-konvenut kien wieqaf biex jagħmel *three point turn* ċjoè kien se jerġa' lura biex ikompli l-manuvra. L-art kienet imxarrba billi filgħodu kienet għamlet ix-xita. Dak il-ħin ma kinitx nieżla xita. Meta skiddja l-karozza baqgħet sejra fid-direzzjoni li kienet sejra. Hu ma kienx għaddej aktar minn 30 mfs;

L-*insurance* kien ħallsu l-ħsara billi missieru kien inxurjat *comprehensive* u hu ħallas Lm25 *excess*;

Il-konvenut xehed li kellu bżonn idur lura lejn Marsalforn. Sab post wiesgħa tat-triq fejn il-vista tat-traffiku kienet tajba, kemm il-fuq kif ukoll l-isfel biex idur. X'ħin kien kważi lesta l-manuvra, il-karozza l-oħra daħlet fih. Dan kien ġej bi *speed* qawwi u kien ammetta li kien tort tiegħu. Qabel dar, hu kien ħares u ma kien ġej ħadd. Hu seta' jara sal-kisra minn fejn kienet ġejja l-karozza l-oħra. Ma' l-impatt hu ġie imbuttat u ġie għad-dritt;

Fuq kontro-eżami wieġeb li hu kien kompleta l-manuvra li ried jagħmel. Hu ma kellux għalfejn jirriversja. Il-parti l-oħra kellha minn fejn tgħaddi. Hu kien ġie fin-naħa tiegħu tat-triq. Meta qala d-daqqa kien kważi wieqaf;

Kevin Gollcher passiġġier fil-karozza tal-konvenut xehed li huma riedu jduru lura lejn Marsalforn għax rawh il-ħbieb tagħhom neżlin lejn Marsalforn. Huma daru u kienu qed jagħmlu *U-Turn* meta daħlet il-karozza l-oħra fihom. Ix-xhud kompla hekk:

"Kif bdejna nduru, George qalli jekk kienx ġej xi ħadd, jien għidtlu le, u beda jdur, inħsadna għax sibna l-karozza ġo

fina";

Il-Qorti tibda biex tirrileva li hemm konflitt lampanti bejn dak li qal il-konvenut u dak li qal ix-xhud prodott minnu Kevin Gollcher. Il-konvenut fl-affidavit "tiegħu" fol. 50 stqarr li "Jiena nikkonferma li qabel dort, ħarist biex nara jekk kienx ġej xi ħadd", mentri x-xhud Gollcher xehed li "Kif bdejna nduru, George qalli jekk kienx ġej xi ħadd, jien għidtlu le, u beda jdur, inħsadna għax sibna l-karozza ġo fina". Mela kien Gollcher li ħares jekk kinux ġejjin karozzi u mhux il-konvenut. Jirriżulta mill-provi li kif il-konvenut ra l-ħbieb tagħhom neżlin lejn Marsalforn qabad u ddeċieda biex idur lura billi jagħmel *U-Turn*. Kieku l-konvenut ħares jew almenu ħares sew kien jara lil Vassallo ġej. Haġa li ma jidhirx li għamel;

Hu magħruf li l-*U-Turn* hi manuvra li, billi tinvolvi *right turn* komplet fil-wisa' tat-triq, tista' tkun kawża ta' inċidenti u għalkemm tista' ssir bla perikolu f'toroq li ma tantx huma użati, f'toroq battuti sew mit-traffiku, (bħal fil-każ in kwistjoni) tirrikjedi grad għoli ta' attenzjoni għax mhix manuvra li *drivers* oħra normalment jistennew;

Din il-potenzjalità ta' perikolu fl-esekuzzjoni tal-*U-Turn* tkompli imbagħad tiżdid in relazzjoni mal-punt partikolari tat-triq fejn issir;

Ma jistgħux jiġu dettati regoli fissi għal meta *U-Turn* hi konsiljabbli jew le, imma kollox jiddependi mill-kumpless taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Fost dawn jidħol ukoll l-angolu u tul possibbli ta' viżwalità għad-*driver* li jkun sejjer jagħmel dik il-manuvra. Hu obbligu ta' kull *driver* li f'kull ħin u kull mument ikun in kontroll tali tal-vettura tiegħu li jista' jevita inċidenti, għax id-dover ta' attenzjoni fuq it-triq hu kostanti u in interrott;

(Ara App. Krim. **Pulizija** ***vs*** **E. Mercieca**, 18.11.74; **P.A. (CS) C. Selvagi** ***vs*** **I. Galea**, 19.6.79; App. Krim. **Pulizija** ***vs*** **G. Attard**, 12/10/63 Harding; **Pulizija** ***vs*** **N. Micallef**, 3/12/60);

Il-konvenut sostna li hu kien diġà kkompleta l-manuvra mentri fil-fatt mill-iskizz jirriżulta li l-i*spot of impact* kien ftit l-hemm mis-*centre of the road*, lli jaqbel ma deskrizzjoni ta' l-inċident kif tah Vassallo. Fil-fatt il-konvenut ma kienx għadu dar meta qala d-daqqa. L-obbligu tal-konvenut kien li jara mhux biss li jista' jibda l-manuvra iżda li jikkompletaha b'sikurezza għalih u għal oħrajn;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort għall-inċident kien tal-konvenut billi bil-manuvra li għamel ingombra u ostakola t-triq lil *main road use* ċjoè lil Vassallo;

Il-konvenut qed jissottometti li Vassallo kien ġej bi *speed* eċċessiv jew esaġerat. Dan qalu mhux għax rah ġej bi *speed* iżda ddeduċih mill-ħsara li ġarrbu l-karozzi u mill-fatt li għalkemm kien hemm distanza twila u ma kienx ra lil Vassallo ġej, dan laħqu qabel ma spiċċa l-manuvra jew meta spiċċaha;

Il-Qorti diġà rrilevat li l-konvenut fil-fatt ma kienx ħares qabel ma għamel il-manuvra iżda kien Gollcher li ħarislu;

Dwar ħsara Vassallo kkonferma li kellu xi Lm600 ħsara li mhux xi ammont ta' barra minn hawn;

F'dik il-lokalità hemm kisra u fejn ried idur il-konvenut kien hemm karozzi pparkjati li ma ppermettewlux li jagħmel *U-Turn* b'ċerta faċilità u sigurtà;

"Il-veloċità tal-parti l-oħra mhix skuża għad-*driver* li

jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tiegħu tas-sewqan" (Vol. 29 p. 557);

"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'veloċità eċċedenti l-i*speed* massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawża determinanti tal-kolliżjoni, huwa m'għandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjetà purchè l-i*speed* tiegħu ma jkunx dak li jista' jissejjaħ "sfrenat" (**S. Mizzi** ***vs*** **J. Grech**, 23/3/72 u **A. Bartolo** ***vs*** **K. Micallef**, 16.2.73);

Fil-każ in eżami, Vassallo xehed li hu ma kienx għaddej aktar minn 30 mfs. Hu ħalla *brake marks* (mhux suwed) ta' 19.6 metri. Dawn kienu aktar *skid marks* mill-*brake marks* billi ma kinux suwed. L-i*speed* li kien għaddej bih Vassallo ma jistax jitqies bħala wieħed sfrenat. Hu ma kienx qed jeċċedi l-40 mfs. Fiċ-ċirkostanzi l-i*speed* ta' Vassallo ma kienx il-kawża determinati tal-kolliżjoni iżda kienet il-manuvra inkonsulta tal-konvenut li kkawżat l-inċident;

Dwar il-kwistjoni ta' l-iskidd ta' Vassallo ġie ritenut mill-Qrati tagħna li f'materja ta' skid il-prinċipju regolatur ma jistax ħlief ikun li skid waħdu la hu prova ta' negliġenza u lanqas skriminanti. Hemm bżonn li jiġi ndagat jekk kienx hemm xi negliġenza anteċedenti jew konkomitanti. Jekk negliġenza simili tirriżulta, allura hemm ir-responsabbilità nonostante l-iskid. Jekk ma tirriżultax, allura l-iskid hija difiża għax tkun *inevitable accident*. Għaldaqstant biex id-difiża ta' *skid* tirnexxi jeħtieġ li d-*driver* jipprova mhux biss li l-i*skid* kienet dovuta għall-art tiżloq, imma ukoll li l-i*skid* saret bl-ebda tort tiegħu u li huwa jkun ħa l-prekawzjonijiet kollha li għandu jieħu *driver* prudenti meta l-art tkun tiżloq. **Pulizija** ***vs*** **C. Cachia**, Vol. 37, pt. 4, p. 920);

Fil-każ in eżami ma jirriżultax li Vassallo kien għaddej

b'xi *speed* eċċessiv. Hu ma setax jissoponi li meta jdur il-kantuniera aktar l-isfel se jsib lill-konvenut qed jagħmel *U-Turn* u jimblokkalu t-triq. Meta Vassallo intebaħ bil-konvenut, hu żamm il-*brake*, iżda billi l-art kienet imxarrba (dak il-ħin ma kinitx xita) il-*brakes* illokkjaw u skiddja. L-i*skid* ma ġratx tort ta' Vassallo iżda tort tal-konvenut li ħoloq emerġenza subitanja lil Vassallo li kellu tempestivament iżomm il-*brake* u ġiegħlu jibbrekja bil-konsegwenzi li kien hemm;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li Vassallo ma kienx responsabbli għall-inċident lanqas b'mod kontributorju;

L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm636.15 bħala danni mħallsa minnu u Dr. Vassallo s-somma ta' Lm25 *excess* li ħallas minħabba dana l-inċident. Dawn l-ammonti jirriżultaw ippruvati mir-riċevuti esebiti fil-proċess, liema ammonti ma ġewx kontestati;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż kontra l-konvenut.